**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT DR. GIANNELLA CAMILLERI BUSUTTIL**
**B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D.**

**Illum 6 ta' Novembru 2024**

**Kawża Numru: 144/2019**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Kevin Pulis)**

**(Spettur Jonathan Cassar)**

**kontra**

**Kyle Manicolo**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront ta' **Kyle Manicolo** ta' wieħed u għoxrin (21) sena, iben Anna nee' Manicolo, imwieled Pieta', nhar it-tnejn u għoxrin (22) ta' Novembru tas-sena elf disa' mija u ħamsa u disgħin (1995), u residenti fl-indirizz numru mija u ħamsa u ħamsin (155), Rudolph Mansions, Flat numru disgħa (9), Triq Rodolfu, Sliema u detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 0496195M;

Billi inti akkużat talli f'dawn il-Gżejjer, fil-ħamsa (5) ta' Frar[1] tas-sena elfejn u sbatax (2017) u/jew fix-xhur ta' qabel:-

1. Fornejt jew ipprokurajt jew offrejt li tforni jew li tipprokura d-droga Kokajina speċifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta, lill-persuna jew persuni, jew għall-użu ta' persuna jew persuni, mingħajr ma kellek liċenzja mill-President ta' Malta u mingħajr ma kont awtorizzat bir-Regoli tal-elf disa' mija u disgħa u tletin (1939) għall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi (GN 292/1939), jew minn

[1] Fl-erbatax (14) ta' Ottubru tas-sena elfejn u għoxrin (2020) din il-Qorti diversament preseduta, kienet awtorizzat lill-Prosekuzzjoni sabiex tagħmel korrezzjoni fl-imputazzjonijiet u dana fis-sens illi l-kliem '5 ta' Jannar 2017' jiġu jaqraw '5 ta' Frar 2017'.

xi awtorita' mogħtija mill-President ta' Malta, li tforni d-droga, u mingħajr ma kont fil-pussess ta' awtorizzazjoni għall-importazzoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern, skont id-disposizzjonijiet tas-Sitt (6) Taqsima tal-Ordinanza msemmija u mingħajr ma kellek liċenzja jew xort'oħra awtorizzat li timmanifattura jew tforni d-droga msemmija u mingħajr ma kellek liċenzja li tipprokura l-istess droga u dan bi ksur tar-Regolament numru erbgħa (4) tar-Regolamenti tas-sena elf disa' mija u disgħa u tletin (1939) għall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi (G.N. 292/1939), kif sussegwentament emendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. Kellek fil-pussess tiegħek id-droga Kokajina, speċifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta meta ma kontx fil-pussess ta' awtorizzazjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern, skont id-dispozzjonijiet tar-Raba' (4) u s-Sitt (6) Taqsima tal-Ordinanza, u meta ma kontx bil-liċenzja jew xort'oħra awtorizzat li timmanifattura, jew li tforni d-droga msemmija u meta ma kontx b'xi mod ieħor bil-liċenzja mill-President ta' Malta li jkollok id-droga msemmija fil-pussess tiegħek u nqast li tipprova li d-droga msemmija ġiet fornuta lilek għall-użu tiegħek skont ir-riċetta kif provdut fir-Regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-Regoli tal-elf disa' mija u disgħa u tletin (1939) dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi (GN 292/1939), kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta;
3. Kellek fil-pussess tiegħek il-pjanta Cannabis kollha jew biċċa minnha bi ksur ta' l-Artikolu 8(d) tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex f'kaz ta ħtija barra milli tapplika l-piena skond il-liġi tordna lill-imputat iħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti skond l-Artikolu 533(1) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat id-Digriet ta' Assenjazzjonijiet ta' Kawżi u Doveri ta' nhar id-disgħa (9) ta' Marzu tas-sena elfejn u tlieta u għoxrin (2023), li permezz tiegħu din il-kawża ġiet assenjata lil din il-Qorti hekk kif preseduta[2];

Rat l-atti proċesswali kollha tal-każ odjern u d-dokumenti eżebiti, inkluż l-Ordni tal-Avukat Ġenerali datat ħamsa (5) ta' Frar tas-sena elfejn u dsatax (2019),

[2] A fol. 97 tal-atti proċesswali

maħruġ ai termini tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta, li permezz tiegħu l-Avukat Ġenerali ordna li l-imputat jitressaq quddiem din il-Qorti sabiex iwieġeb għall-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu għal ksur tal-provvedimenti tal-istess Ordinanzi[3];

Semgħet fl-udjenza ta' nhar it-tmienja u għoxrin (28) ta' April tas-sena elfejn u tlieta u għoxrin (2023), lill-partijiet jiddikjaraw li kienu qegħdin jeżentaw lil din il-Qorti kif preseduta milli terga' tisma' lix-xhieda li kienu diġa xehdu u l-provi li kienu miġjuba f'dawn il-proċeduri qabel ma din il-kawża ġiet assenjata lil din il-Qorti kif preseduta[4];

Rat illi fl-udjenza ta' nhar l-erbatax (14) ta' Ottubru tas-sena elfejn u għoxrin (2020), l-imputat wieġeb li huwa ħati tat-tieni (2) u tat-tielet (3) imputazzjoni, iżda mhux ħati tal-ewwel (1) imputazzjoni[5];

Rat illi fl-udjenza ta' nhar it-tmintax (18) ta' Novembru tas-sena elfejn u wieħed u għoxrin (2021), id-difiża talbet lil din il-Qorti sabiex tassumi l-funzjonijiet ta' Qorti dwar id-Droga ai termini tal-Artikolu 8 tal-Kapitolu 537 tal-Liġijiet ta' Malta u sabiex tressaq il-provi relattivi[6];

Rat illi permezz ta' digriet datat tletin (30) ta' Novembru tas-sena elfejn u tnejn u għoxrin (2022), din il-Qorti diversament preseduta assumiet il-funzjoni ta' Qorti dwar id-Droga u ai termini ta' l-Artikolu 8(3) tal-Kapitolu 537 tal-Liġijiet ta' Malta rriferiet lill-imputat quddiem il-Bord ta' Rijabilitazzjoni ta' Persuni li Nqabdu bid-Droga[7];

Rat in-nota tal-Bord ta' Rijabilitazzjoni ta' Persuni li Nqabdu bid-Droga ta' nhar l-għoxrin (20) ta' Marzu tas-sena elfejn u erbgħa u għoxrin (2024), minn fejn jirriżulta li l-Bord kien sodisfatt bil-proċess ta' rijabilitazzjoni tal-imputat u għalaq il-każ tiegħu b'suċċess[8];

Semgħet id-depozizzjoni tar-Reġistratur tal-Qrati u Tribunali Kriminali ta' nhar il-wieħed u tletin (31) ta' Lulju tas-sena elfejn u erbgħa u għoxrin (2024), u rat

[3] A fol. 9 tal-atti proċesswali
[4] A fol. 101 tal-atti proċesswali
[5] A fol. 17 tal-atti proċesswali
[6] A fol. 53 tal-atti proċesswali
[7] A fol. 90 tal-atti proċesswali
[8] A fol. 112 tal-atti proċesswali

li ma kinetx tirriżulta l-ħtieġa li din il-Qorti ssejjaħ kawżi oħra rigwardanti l-imputat[9];

Semgħet lill-prosekuzzjoni tirrimetti ruħha għall-provi prodotti;

Semgħet is-sottomissjonijiet finali tal-abbli avukat difensur;

**Ikkunsidrat :-**

Illi in sostenn tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-imputat, il-Prosekuzzjoni ressqet is-segwenti xhieda u provi :-

**L-Ispettur Kevin Pulis[10]** xehed illi nhar il-ħamsa (5) ta' Frar tas-sena elfejn u sbatax (2017), huwa kien ġie nfurmat mill-membri tal-Iskwadra ta' Kontra d-Droga, li kien jifforma parti minnha, illi kienu għadhom kemm interċettaw lil Kyle Manicolo, li għaraf bħala l-imputat preżenti fl-awla. Igħid li huwa ġie infurmat li waqt li kienu qegħdin isiru *spot checks* ġewwa *Playground Club* ġewwa Paceville, għall-ħabta tan-nofs siegħa ta' filgħodu (12.30 a.m), l-imputat kien ġie mwaqqaf ġewwa l-imsemmi *club* u nstab li kien fil-pussess ta' sustanza, suspettata droga kokajina. Minn tfittxija li saret fuq il-persuna tiegħu, nstab forma ta' *bullet*, li fiha kien hemm trab abjad, allegatament droga Kokajina. Għalhekk l-imputat ġie nfurmat li kien taħt arrest u ġie mogħti d-drittijiet tiegħu kif rikjesti mill-liġi. Sussegwentement huwa ttieħed fil-*lock up* tal-Pulizija ġewwa l-Furjana, sabiex jinżamm għal iktar investigazzjonijiet.

L-Ispettur Pulis jispjega, li ġewwa l-*lock up*, kien sar *strip search* fuq il-persuna tal-imputat u fil-qalziet ta' taħt tiegħu nstabu erba'(4) qratas allegatament droga kokaina. Dawn ġew imwieżna fil-preżenza tal-imputat u rriżulta li l-piż tagħhom, inkluż il-*packaging*, kien ta' madwar tnejn punt tmienja sitta sitta grammi (2.866g). L-għada filgħodu kienu ngħataw struzzjonijiet mill-istess Spettur, sabiex isiru tfittxijiet fir-residenza tal-imputat, kif ukoll f'xi uffiċini li l-imputat kellu taħt il-kontroll tiegħu, ġewwa tas-Sliema. Ix-xhud jispjega li t-tfittxijiet saru dejjem fil-preżenza tal-imputat. Saru tfittxijiet fil-fond numru mija u ħamsa u ħamsin (155), Flat numru disgħa (9), Rudolph Mansions, Triq Rudolfo, Tas-Sliema u hemmhekk instabet landa tal-metal ta' kulur griż, li fiha kien hemm borża allegatament Kokajina b'piż ta' tlieta punt tmienja sebgħa tlieta grammi (3.873g), kif ukoll żewg *self-sealable bags*, li kien fihom traċċi ta' trab abjad, suspettata droga Kokajina. Kien hemm ukoll landa tal-ħadid, li kien fiha l-karta

[9] A fol. 116 tal-atti proċesswali
[10] A fol. 22 tal-atti proċesswali

tar-riżla, kif ukoll żewg qratas li kien fihom ammont żgħir ta' ħaxixa suspettata *Cannabis*. Kien hemm ukoll żewg *crushers* li kien fihom traċċi tal-*Cannabis,* kif ukoll ammont ta' *self-sealable bags* illi kienu għadhom ġodda. Ġiet elevata ukoll is-somma ta' elf, mija u ħamsa u sebgħin ewro (€1,175) fi flus kontanti. L-Ispettur Pulis igħid li saru ukoll tfittxijiet fil-*parking* area ta' Tigne, minħabba l-fatt li l-imputat kellu xi postijiet illi kienu taħt il-kontroll tiegħu, kif ukoll ġewwa l-Uffiċċju tiegħu li jinsab ġewwa *ground level* tal-istess parkeġġ. Minn hemmhekk ġie elevat ukoll miżien elettroniku blu.

L-Ispettur Pulis igħid ukoll li sussegwentement, l-imputat ġie nterrogat u dan wara li huwa reġa' ngħata d-drittijiet tiegħu u irrifjuta l-assistenza ta' avukat, tant li anke iffirma dikjarazzjoni ta' rifjut. Igħid li l-imputat kien għażel li jiffirma l-istqarrija rilaxxata minnu. L-Ispettur Pulis ppreżenta d-dikjarazzjoni tar-rifjut għall-assistenza legali[11], kif ukoll ikkonferma l-istqarrija tal-imputat eżebita in atti.[12] Huwa preżenta ukoll *evidence bag* bin-numru M00568411[13], kontenenti l-affaraijiet li ġew elevati mill-fond residenzjali tal-imputat, kif ukoll l-affarijiet li ġew elevati minn fuq il-persuna tal-imputat. Ippreżenta ukoll l-miżien elettroniku[14] li nstab ġewwa l-Uffiċini tal-imputat ġewwa Tigne, flimkien maċ-*charger*. Preżenta ukoll ittra mingħand ċertu Rudolph lil Kyle Manicolo, li nstabet waqt it-tfittxijiet li saru[15], kif ukoll l-*mobile phone* tal-għamla Iphone, li ġie elevat minn fuq il-persuna tal-imputat[16].

<u>In kontro-eżami</u>, l-Ispettur Pulis ikkonferma li l-imputat ma kienx ingħata d-dritt li jkun assistit minn avukat waqt it-teħid tal-istqarrija, iżda kien ingħata biss id-dritt li jkellem avukat qabel it-teħid tal-istqarrija.

Id-difiża eżentat lill-Prosekuzzjoni mill-ħtieġa li jinħatar **espert sabiex jeżamina s-sustanza esebita** stante li ġie dikjarat li mhux kontestat li nstabet id-droga Kokaina[17].

**PC 839 Stephen Micallef[18]**, stazzjonat l-Iskwadra ta' Kontra d-Droga, xehed li nhar il-ħamsa (5) ta' Frar tas-sena elfejn u sbatax (2017), kien xogħol fl-akwati ta' Paceville, fejn hu u l-kollegi tiegħu kienu qegħdin jagħmlu *spot checks* u

[11] Dok KP 1 a fol. 29 tal-atti proċesswali
[12] A fol. 2 tal-atti proċesswali
[13] Dok KP 2
[14] Dok KP 3
[15] Dok KP 4
[16] Dok KP 5
[17] Din id-dikjarazzjoni saret fis-seduta ta' nhar is-27 ta' Jannar 2021
[18] A fol. 32 tal-atti proċesswali

*surprise inspections*. Igħid li għall-ħabta tan-nofs siegħa ta' filgħodu (12:30a.m.), waqt li kienu *Sky Club*, waqqfu lil Kyle Manicolo, li x-xhud għaraf bħala l-imputat fl-awla. Igħid li kienu nfurmawh li huma Pulizija, u kienet saret tfittxija fuq il-persuna tiegħu u fil-but tal-qalziet, instabet balla li x'ħin fetħuha kien fiha xi traċċi bi trab abjad. Igħid li lill-imputat ħarġuh barra mill-Club, ngħatatlu s-solita twissija u ttieħed ġewwa l-*lock up* tal-Pulizija, fejn saret tfittxija oħra fuq il-pesuna tiegħu u nstabu erba' (4) boroż li kien fihom trab abjad, li kienu moħbija mal-parti ġenitali tiegħu. Igħid li l-affarijiet li nstabu ngħataw kollha lill-Ispettur Kevin Pulis.

**PC 1440 Sergio Spiteri**[19], stazzjonat l-Iskwadra ta' Kontra d-Droga, xehed illi għall-ħabta tan-nofs siegħa ta' filgħodu (12.30 a.m) tal-ħamsa (5) ta' Frar tas-sena elfejn u sbatax (2017), hu u l-kollegi tiegħu kienu qegħdin jagħmlu spezzjonijiet ġewwa *Sky Club*, ġewwa Paceville, fejn hemmhekk kienu waqqfu lil Kyle Manicolo, li huwa għaraf bħala l-imputat preżenti fl-awla. Igħid li kienet saret tfittxija fuq il-persuna tiegħu, u nstab speċi ta' *bullet*, li fih kien hemm xi trab abjad suspettat kokajina. Igħid li l-imputat kien ġie meħud l-*lock up* tal-Pulizija, fejn saritlu *strip search*, fejn instabu erba' pakketti oħra fuqu, suspettati droga Kokajina.

**PC 258 John Lee Howard**[20], stazzjonat l-Iskwadra ta' Kontra d-Droga, xehed illi għall-ħabta tan-nofs siegħa ta' filgħodu (12.30 a.m) tal-ħamsa (5) ta' Frar tas-sena elfejn u sbatax (2017), huwa flimkien ma' PS 839, PC 1440 u WPS 333 waqqfu lil Kyle Manicolo, li huwa għaraf bħala l-imputat fl-awla. Igħid li nfurmawh li huma Pulizija u saret tfittxija fuqu. Igħid li fuq il-persuna tiegħu nstab kontenitur tal-ħadid, li meta fetħuh instab li kien hemm trab abjad fih. Jispjega li dak il-ħin l-imputat ingħata d-drittijiet tiegħu u ttieħed il-*lock up* tal-Furjana, fejn saret tfittxija fuq il-persuna tiegħu u nstabu erba' (4) qratas oħra, suspettati Kokajina. Igħid li kollox ġie mgħoddi lill-Ispetttur Kevin Pulis.

**WPS 333 Alana Caruana**[21], stazzjonata l-Iskwadra ta' Kontra d-Droga, xehdet illi għall-ħabta tan-nofs siegħa ta' filgħodu (12.30 a.m) tal-ħamsa (5) ta' Frar tas-sena elfejn u sbatax (2017), hija flimkien mal-kollegi tagħha, għamlu spezzjonijiet ġewwa *Sky NightClub*, fejn ġie mwaqqaf ċertu Kyle Manicolo. Tgħid li saret tfittxija fuq il-persuna tiegħu, u fil-but tal-qalziet tiegħu, nstab bħal *bullet* li kien jikkontjeni trab abjad suspettat Kokaina. Tgħid li huwa nghata d-

[19] A. fol. 34 tal-atti proċesswali
[20] A. fol. 36 tal-atti proċesswali
[21] A fol. 38 tal-atti proċesswali

drittijiet tiegħu minnufih u wara ġie meħud ġewwa l-*lock up* tal-Pulizija. Tgħid li hija ġiet infurmata li minn tfittxija li saret fuq il-persuna tiegħu, ġewwa l-*lock up* tal-Pulizija, instabu erba' (4) *self-sealable bags* bi trab abjad suspettat Kokajina, mal-parti ġenitali tiegħu.

**PS 2284 Therese Vella**[22], stazzjonata l-Iskwadra ta' Kontra d-Droga, xehdet illi fil-ħamsa (5) ta' Frar tas-sena elfejn u sbatax (2017), meta kienet għadha kuntistabbli bin-numru mitejn u erbgħa u tmenin (284), hija flimkien ma' kollegi tagħha, kienu ġew mogħtija struzzjonijiet mingħand l-Ispettur Kevin Pulis, sabiex jagħmlu tfittxija fir-residenza bin-numru mija u ħmistax (115), Rudolph Mansions, Flat numru disgħa (9), Triq Rudolfo, Tas-Sliema fejn kien jirrisjedi Kyle Manicolo, li għarfet bħala l-imputat fl-awla. Tgħid li minn tfittxija li saret hemmhekk, ġie elevat *notebook* b'xi notamenti. Tgħid li kien hemm *safe,* li ġo fih kien hemm *container* b'*sachet* b'sustanza bajda u żewġ *sachets* oħra bi traċċi bojod. Kien hemm *container* ieħor, li kien fih żewġ *sachets* b'sustanza ħadra, xi *rouches* u xi karti tar-riżla. Tispjega li kien hemm ukoll xi *sealable bags* li kienu jidhru li għadhom mhux użati. Tgħid li ġew elevati żewġ *crushers* tal-poker b'xi traċċi fihom u ġew elevati ukoll madwar elf, mija u sebgħin ewro (€ 1,170) fi flus kontanti, fejn l-imputat kien qalilhom li kien hemm minnhom li kienu ta' ommu. Ix-xhud tispjega li wara din it-tfittxija, saret tfittxija oħra f'xi *stores* ġewwa tas-Sliema, flimkien mad-*Dog Section*, għalkemm tgħid li hija ma kinitx involuta f'din it-tfittxija. Tgħid li l-affarijiet li ġew elevati, ġew mgħoddija lill-Ispettur Pulis.

**PS 118 Eman Joe Borg**[23], stazzjonat l-Iskwadra ta' Kontra d-Droga, xehed illi huwa ġie mogħti struzzjonijiet mingħand l-Ispettur Kevin Pulis, sabiex flimkien ma xi Uffiċjali oħra jagħmel tfittxija fir-residenza bin-numru mija u ħamsa u ħamsin (155), Flat numru disgħa (9), Rudolph Mansions, *Rudolph Street*, tas-Sliema fejn kien jirrisjedi Kyle Manicolo li għaraf bħala l-imputat preżenti fl-awla. Ikkonferma li hemmhekk instabu xi notamenti, *safe* griż li fih kien hemm kaxxa tal-ħadid griża, li kellha *sachet* bit-trab abjad suspettat kokajina, żewġ *sealable bags* bi traċċi suspettati kokajina, kaxxa oħra tal-ħadid ta' kulur aħdar, li kellha pakkett riżla, kif ukoll żewġ *sachets* b'sustanza suspettata ħaxixa. Igħid li nstabu ukoll zewġ *crushers* bi traċċi u ammont ta' flus ta' elf mija u ħamsa u sebgħin ewro (€1,170). Ix-xhud jispjega li dawn l-affarijiet ġew elevati. Igħid li huma marru jagħmlu ukoll tfittxija ġewwa garaxx f'Tigne Point, li l-imputat juża

[22] A fol. 42 tal-atti proċesswali.
[23] A fol 45 tal-atti proċesswali

bħala *stores* pero din it-tfittxija rriżultat fin-negattiv. Igħid li l-affarijiet li ġew elevati, għaddewhom lill-Pulizija tas-*shift* ta' warajhom.

**PC 1124 Steve Borg**[24], stazzjonat l-Iskwadra ta' Kontra d-Droga, xehed illi fil-ħamsa (5) ta' Frar tas-sena elfejn u sbatax (2017), huwa flimkien ma' Uffiċjali oħra, kellhom struzzjonijiet mingħand l-Ispettur Kevin Pulis, sabiex imorru jagħmlu tfittxija ġewwa r-residenza ta' Kyle Manicolo, li huwa għaraf bħala l-imputat fl-awla. Igħid li kienu marru tas-Sliema, fl-indirizz numru mija u ħamsa u ħamsin (155), Flat numru disgħa (9), Rudolph Mansions, Tas-Sliema. Igħid li mit-tfittxija li saret fir-residenza, nstab *notebook* blu b'xi notamenti fuqu. Igħid li nstab *safe* li fih kien hemm *case* tal-metal ta' kulur griż, li fih kien hemm boroż b'sustanza bajda. Kien hemm ukoll żewġ *self sealable bags* bi traċċi ta' sustanza bajda ġo fihom. Igħid li fl-istess *safe* kien hemm *case* ieħor tal-metal ta' kulur aħdar li kellu żewġ boroż b'sustanza ħadra fihom. Kien hemm ukoll żewġ *crushers*, illi kellhom traċċi ta' sustanza bajda. Instab ukoll l-ammont ta' elf, mija u ħamsa u sebgħin ewro (€ 1,175) fi flus kontanti. Jispjega li hekk kif lestew it-tfittxija, marru Tigne Point, għax kellhom jagħmlu tfittxija ġewwa xi garaxxijiet. Igħid li imbagħad spiċċa s-*shift* tagħhom u taw *handover* lis-*shift* ta' warajhom. Igħid ukoll li meta ġew elevati l-affarijiet minn ġewwa r-residenza tal-imputat, kien hemm preżenti l-imputat.

**PC 1564 Kyle Zammit**[25] xehed illi fil-ħamsa (5) ta' Frar tas-sena elfejn u sbatax (2017), fuq struzzjonijiet tal-Ispettur Kevin Pulis, huwa flimkien mal-kollegi tiegħu, kienu marru jagħmlu tfittxija ġewwa l-fond bin-numru mija u ħamsa u ħamsin (155), Flat numru disgħa (9), Rudolph Street, li fih jirrisjedi Kyle Manicolo, li x-xhud għarfu bħala l-imputat fl-awla. Igħid li fir-residenza nstab *notebook* ta' lewn kaħlani, b'xi notamenti fuqu ta' ismijiet, kif ukoll ammont ta' flus ħdejn kull isem. Igħid li nstab ukoll *safe* li ġie miftuħ bil-kooperazzjoni tal-imputat, u li fih kien hemm landa tal-*istainless steel*, li fiha kien hemm borża bis-sustanza bajda fiha, kif ukoll żewġ *self sealable sachets* bi traċċi ta' sustanza bajda ġo fihom ukoll. Igħid li fl-istess *safe* kien hemm kaxxa oħra tal-metal ta' kulur aħdar li fiha kien hemm riżla, kif ukoll żewġ *sachets* b'sustanza ħadra suspettata *cannabis grass*. Jispjega li fl-istess safe kien hemm ukoll ammont ta' flus kontanti, u żewġ *crushers* bl-istess sustanza ħadra suspettata *cannabis grass*.

[24] A fol. 47 tal-atti proċesswali
[25] A fol. 50 tal-atti proċesswali

Igħid li sussegwentement, dawn l-oġġetti ġew mgħoddija lill-Ispettur Kevin Pulis. Iżid ukoll li dawn it-tfittxijiet saru fil-preżena tal-imputat.

Id-difiża ressqet is-segwenti provi, prinċipalment in sostenn tat-talba tagħha ai termini tal-Artikolu 8 tal-Kapitolu 537 tal-Liġijiet ta' Malta:-

**Dr. Roberta Holland**[26] li kienet ġie nominata minn din il-Qorti nhar il-ħmistax (15) ta' Ġunju tas-sena elfejn u tnejn u għoxrin (2022), bħala *forensic psychologist*, sabiex tirrelata dwar l-imputat, xehdet u preżentat ir-rapport tagħha[27]. Hija tgħid li l-imputat beda jabbuża minn stimulanti, inkluż il-kokajina, minn meta kellu madwar sbatax (17)-il sena. Tgħid li għal madwar tliet (3) snin, sakemm huwa dam f'relazzjoni, l-użu baqa' fuq bażi rekreazzjonali, iżda meta din ir-relazzjoni ntemmet, kien tfixkel, beda jagħmilha iktar ma sħabu u l-użu beda jiżdied għal livell fejn sar regolari u konsiderevoli u sar jifforma parti mill-istil ta' ħajja tiegħu. Dan kien meta kellu madwar għoxrin (20) sena. Tispjega li fi żmien qasir, l-użu tal-kokajina beda isir iktar frekwenti u b'nuqqas ta' kontroll. Tgħid ukoll li kien hemm xi diffikultajiet li setgħu servew ta' fatturi għalfejn l-użu kien żdied. Hija kkonkludiet li l-imputat kien dipendenti fuq id-droga fiż-żmien tal-każ odjern u li l-każ odjern kien relatat sew mad-dipendenza u l-użu tad-droga. Tgħid ukoll li mill-assessjar ħareġ b'mod ċar li l-imputat tejjeb ferm is-sitwazzjoni tiegħu, li għamel progress konsiderevoli u li għamel passi konkreti sabiex jirriabilita ruħu.

**Stqarrija tal-imputat[28]**

L-imputat irilaxxa stqarrija nhar il-ħamsa (5) ta' Frar tas-sena elfejn u sbatax (2017), wara li ngħata t-twissija li *"M'intix obbligat li titkellem sakemm ma tkunx tixtieq li titkellem, imma dak li tgħid jista' jinġieb bi prova."* Huwa ngħata ukoll l-jedd tal-parir legali qabel l-interrogazzjoni, liema jedd huwa għażel li jirrifjuta.

L-imputat jistqarr li huwa ġuvni u li jaħdem bħala *handyman*. Igħid li meta dakinhar stess kien ġie arrestat mill-Pulizija, huwa kien qiegħed ġewwa t-*toilet* ta' *Playground* ġewwa Paceville. Igħid li huwa kien daħal fit-*toilet*, sabiex jiġbed il-kokajina permezz ta' forma ta' *bullet*, li jużaha apposta għall-użu tal-kokajina. Igħid li kif kien ħiereġ mit-*toilet*, sab erba' (4) Pulizija li waqfuh u staqsewh x'kien qed jagħmel fit-*toilet*. Igħid li huma staqsewh jekk kellux droga fuqu u

[26] A fol. 61 tal-atti proċesswali
[27] 'Dok RH' a fol. 64 tal-atti proċesswali
[28] A fol. 2 tal-atti proċesswali

huwa minn jeddu kien tahom il-*bullet* li kien fiha l-kokajina. Igħid li kienet saret tfittxija fuqu u ħadulu l-affarijiet li kellu fuqu. Igħid li minn hemmhekk ħaduh il-*lockup* tal-Pulizija, fejn kienu għamlulu *strip search* u sabulu erba' (4) boroż kokajina.

L-imputat jistqarr li saret ukoll tfittxija ġewwa r-residenza tiegħu u fil-kamra tiegħu nstab *safe* ġewwa l-gwardarobba, li kien fih xi boroż vojta, xi boroż bit-traċċi u borża oħra li kien fiha l-kokajina. Igħid li l-Pulizija sabu ukoll xi riżli li kienu jintużaw għall-*joints* u xi *grinders* bi traċċi. Igħid li fis-*safe* sabu ukoll xi flus. Ġewwa d-dar sabu ukoll xi ċwievet ta' garaxxijiet ta' fejn jaħdem hu u saru t-tfittxijiet pero ma nstab xejn.

L-imputat ikkonferma li s-sustanza bajda, suspettata kokajina, intiżnet quddiemu u bil-plastik b'kollox iġġib l-ammont totali ta' sitta punt sebgħa tlieta sitta grammi (6.736g). Huwa kkonferma ukoll li din id-droga u l-affarijiet kollha li semma, li ġew issiġġilati ġewwa *evidence bag* bin-numru M00568411, huma kollha tiegħu u għaraf il-firma tiegħu fuq l-istess *evidence bag*.

Mistoqsi dwar il-miżien li sabu l-Pulizija, fl-Uffiċju ta' fejn jaħdem, l-imputat igħid li dak il-miżien jintuża minħabba l-ittri li jkollu tax-xogħol, iżda bil-moħbi huwa ġieli kien jiżen il-kokajina fuqu u jagħmilha fil-boroż iż-żgħar. Mistoqsi dwar id-droga li kellu fuqu meta ġie arrestat mill-Pulizija, l-imputat igħid li d-droga li kellu fil-*bullet* kien ser jużaha hu, filwaqt li l-pakketti li kellu fil-qalziet ta' taħt ħadhom sabiex jekk xi ħadd jistaqsih sabiex jixtri, kien ibegħlu minnhom u anke forsi kien juża naqra hu. Igħid li tnejn minnhom jaħseb li kien ser jużahom hu u forsi kien ibiegħ tnejn minnhom. Huwa jispjega li d-droga kien jiżinha sabiex jagħmilha f'pakketti kollha ndaqs, sabiex ikun jaf x'għandu, kemm li jieħu, u li forsi jbiegħ.

L-imputat igħid ukoll li ilu madwar xahar jew xahrejn ibiegħ id-droga. Igħid li qatt ma biegħ ammonti kbar u dejjem biegħ ġewwa Paceville. Igħid li huwa dejjem ikun ġo xi *club*, u ġieli jiltaqa' ma xi nies li jkun jafhom u jistaqsuh minn fejn jistgħu jixtru u huwa kien igħidilhom li jkollu fuqu u kien ibiegħilhom bl-erbgħin ewro (€ 40). Igħid li imbagħad min ġieli jkun xtara, jerġa' jkellmu u anke ġieli jkellmuh bil-*mobile*. Fir-rigward tal-boroż bi traċċi bojod li sabulu l-Pulizija, huwa jgħid li dawk kien jużahom sabiex il-kokajina ikun jista' jħallatha mal-krejatina. Igħid li huwa kien jixtri madwar għaxar grammi (10g) u kien iġibhom tnax-il gramma (12g) bil-krejatina. Igħid li kull pakkett kien jagħmlu ta' nofs gramma u kien ibiegħu bl-erbgħin ewro (€40). Iżid li normalment kien

ibiegħ id-droga fil-*weekends*. Fir-rigward tac-*chats* li hemm fuq il-mobile tiegħu, igħid li dawk jirreferu għall-kokajina li kien ibiegħ sabiex isostni l-*habit* tiegħu. Huwa igħid li qatt ma biegħ droga oħra.

Fir-rigward taż-żewġ boroż bi traċċi tal-*cannabis* u żewġ *crushers* bi traċċi, l-imputat igħid li dawk kien xtrahom sabiex jagħmel żewġ *joints* għalih, u ma għoġbitux. Dwar iż-żewġ kotba bin-notamenti fuqhom, wieħed ta' lewn blu u l-ieħor ta' lewn aħmar, l-imputat igħid li l-ktieb ta' lewn blu huwa tiegħu u kien jużah sabiex id-droga li kien jagħti bid-dejn kien jiktibha fuqu, u l-ktieb l-aħmar igħid li ma huwiex tiegħu, iżda ta' ħuħ.

L-imputat ikkonferma ukoll li l-miżien ta' lewn blu, li ġie muri lilu, huwa l-istess miżien, li kien juża sabiex jippakja d-droga kokajina. Huwa kkonferma ukoll li l-flus li nstabu ġewwa s-*safe*, jammontaw għal elf mija u ħamsa u sebgħin ewro (€1175) u ġew issiġġilatti ġewwa *evidence bag* u ffirmati minnu. L-imputat igħid li ħames mija u tmenin ewro (€580) minn dawk il-flus huma ta' ommu u kien iżżommhom fis-*safe* sabiex iħallsu l-kontijiet tad-dawl. Igħid ukoll li mitejn u għaxra (€210) minnhom kien qalagħhom permezz ta' biċċa xogħol ta' *maintenance* li għamel għal rasu. Il-kumplament igħid li huma mill-bejgħ tad-droga.

Huwa igħid ukoll li ilu jabbuża mid-droga għal sentejn u igħid li dejjem kokajina ħa, u darbtejn *cannabis*. Igħid li pero dan l-aħħar li ħa l-iktar droga, minn meta ħassar minn mat-tfajla. Spjega li d-droga jixtriha mingħand persuna barranija, ta' nazzjonalita' Serba, li kien iltaqa' magħha f'*bar*. Igħid li dan il-bniedem kien ibiddel in-numru kull xahar u kien itih in-numru l-ġdid sabiex meta jkollu bżonn, ikun jista' jkellmu. Igħid li ltaqa' ma' dan il-bniedem darbtejn, darba fit-triq Tas-Sliema u darba fit-triq Birkirkara. Mistoqsi jekk għandux bżonn għajnuna minħabba l-vizzju tad-droga, huwa igħid li wara li kien ġralu dakinhar, ser iżomm sod għax ma jridx ikollu x'jaqsam ma' Pulizija. Iżid ukoll li huwa biegħ id-droga sabiex isostni l-*habit* li huwa għandu tal-istess droga.

**Ikkunsidrat**

Illi fl-ewwel lok, din il-Qorti ser tindirizza l-lanjanza li tqajjmet mill-imputat, in kwantu għal prova tal-istqarrija rilaxxata minnu lill-Pulizija, li ġiet imressqa mill-prosekuzzjoni bħala prova in sostenn tal-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tal-imputat. Illi l-abbli avukat difensur issottometta li din il-Qorti m'għandhiex tqis l-istqarrija rilaxxjata mill-imputat bħala prova stante li fil-fehma tiegħu din hija vizzjata u dan għaliex minkejja li l-imputat kien ingħata

id-dritt li jikkonsulta ma avukat preċedentement għat-tehid ta' l-istqarrija, dritt li huwa irrifjuta, huwa qatt ma ingħata l-fakolta jew id-dritt illi jkun assistit minn avukat waqt l-istqarrija nnifisha. B'konsegwenza ta' dan, huwa jissottometti li l-istqarrija għandha titqies li m'għandhiex valur probatorju jew titqies inammissibli minħabba dan id-difett. Id-difiza issostni ukoll li jekk din il-linja difensjonali tigi milqugħa, allura din il-Qorti ma jkollha l-ebda triq oħra salv li tillibera lill-imputat mill-imputazzjonijiet tat-traffikar u pussess aggravat.

Illi l-Qorti għalhekk trid qabel xejn, tiddetermina x'valur probatorju għandha tingħata l-istqarrija rilaxxata mill-imputat. Illi jirriżulta li l-imputat Kyle Manicolo, ġie mitkellem mill-Pulizija Eżekuttiva u rrilaxxa stqarrija nhar il-ħamsa (5) ta' Frar tas-sena elfejn u sbatax (2017) u dan wara li ngħata s-solita twissija skont il-liġi, kif ukoll id-dritt li jottjeni parir legali qabel l-interrogatorju tiegħu, liema dritt huwa għażel li ma jeżerċitahx. Illi hekk kif jirriżulta mid-dikjarazzjoni ffirmata mill-imputat immarkata bħala 'Dok KP1', l-imputat ma kienx ingħata d-dritt għall-assistenza legali waqt l-interrogatorju. Mill-atti proċesswali ma jirriżultax li kien hemm raġunijiet impellenti li jiġġustifikaw il-fatt li l-imputat ma ġiex mogħti d-dritt tal-assistenza legali waqt l-interrogatorju. Fil-fatt dan id-dritt daħal fis-seħħ nhar it-tmienja u għoxrin (28) ta' Novembru tas-sena elfejn u sittax (2016), permezz tal-Avviż Legali numru erba' mija u wieħed (401) tas-sena elfejn u sittax (2016);

Minn qari tal-istqarrija rilaxxata mill-imputat, jirriżulta kjarament li l-imputat inkrimina lilu nnifsu in kwantu għal diversi imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tiegħu, tant li l-istqarrija tal-imputat hija l-prova determinanti u l-unika prova li fuqha qegħda tistrieħ il-prosekuzzjoni fir-rigward tal-ewwel imputazzjoni miġjuba fil-konfront tal-imputat.

Fid-dawl ta' dawn ir-riżultanzi, din il-Qorti, qieset il-principji stabbiliti fl-insenjament mogħti fil-każ **Beuze v il-Belgju**[29] tad-disgħa (9) ta' Novembru tas-sena elfejn u tmintax (2018), u l-prinċipji stabbiliti riċentament permezz tas-sentenzi mogħtija mill-Qrati ta' ġurisdizzjoni Kostituzzjonali u anke Kriminali[30]. Fiċ-ċirkostanzi msemmija hawn fuq, u fid-dawl tal-insenjament rigwardanti din

[29] App. Numru 71409/10

[30] F'dan is-sens issir referenza għas-segwenti sentenzi (iżda mhux biss) **Morgan Onourah vs l-Avukat tal-Istat** Qorti Kostituzzjonali, 27 ta' Jannar 2021, **Ir-Repubblika ta' Malta vs Kevin Gatt et**, Qorti tal-Appell Kriminali (Superjuri), 27 ta' Ottubru 2021, **Christopher Bartolo vs L-Avukat ta' l-Istat**, Qorti Kostituzzjonali, 26 ta' April 2022, **Ir-Repubblika ta' Malta vs Andrew Mangion**, Qorti tal-Appell Kriminali (Superjuri), 4 ta' Mejju 2022, **Emmanuele Spagnol -vs- Avukat Ġenerali u Kummissarju tal-Pulizija**, Qorti Kostituzzjonali, 31 ta' Mejju 2023 u **Jean Marc Dalli -vs- Kummissarju tal-Pulizija et**, Qorti Kostituzzjonali, 31 ta' Mejju 2023.

il-materja, bil-għan li ma jiġux mittiefsa d-drittijiet tal-imputat, din il-Qorti ser tgħaddi sabiex tiskarta l-istqarrija tal-imputat fil-kunsiderazzjonijiet tagħha dwar ir-reita o meno tal-istess imputat, fir-rigward tal-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tiegħu. Dan naturalment japplika wkoll għal dik il-parti tax-xhieda tal-Uffiċjal Prosekutur, li fiha jirreferi għal dak li qal l-istess imputat fl-istqarrija tiegħu.

**L-ewwel (1) imputazzjoni**

Skartata l-istqarrija tal-imputat u ġjaladarba kif ingħad, din kienet l-unika prova mressqa mill-prosekuzzjoni in sostenn tal-ewwel imputazzjoni miġjuba fil-konfront tal-imputat, dina l-Qorti ma tista' qatt issib lill-imputat ħati tal-ewwel imputazzjoni u għaldaqstant l-imputat ser jiġi liberat minnha.

**It-tieni (2) imputazzjoni**

Permezz tat-tieni (2) imputazzjoni, l-imputat jinsab akkużat bil-pussess tad-droga kokajina mhux għall-użu esklussiv tiegħu. Illi kif jirriżulta mit-trattazzjoni finali tagħha, id-difiża ma hijiex qegħda tikkontesta l-pussess 'sempliċi' tad-droga kokaina, iżda qegħda tikkontesta l-imputazzjoni ta' pussess 'aggravat' tad-droga kokaina u dan għaliex id-difiża tikkontendi li skartata l-istqarrija tal-imputat, il-provi miġjuba mill-prosekuzzjoni ma iwaslux għal tali reat.

Illi din il-Qorti għandha quddiemha l-verżjoni tal-Uffiċjali tal-Pulizija PS 839 Stephen Micallef, PC 1440 Sergio Spiteri, PC 258 John Lee Howard u WPS 333 Alana Caruana, li lkoll xehdu li meta fil-ħamsa (5) ta' Frar tas-sena elfejn u sbatax (2017), huma waqqfu lill-imputat ġewwa Paceville, u kienet saret tfittxija fuq il-persuna tiegħu, fil-but tal-qalziet tiegħu, kienet instabet bħal forma ta' *bullet* li fiha kien hemm trab abjad suspettat kokajina. Jirriżulta ukoll mid-depożizzjoni ta' PC 839 Stephen Micallef, PC 1440 Sergio Spiteri u PC 258 John Lee Howard, illi sussegwentement l-imputat kien ittieħed il-*lock up* tal-Pulizija, fejn saritlu *strip search* u nstabu erba' pakketti oħra droga fuqu, suspettati droga kokajina. Illi stante illi mix-xhieda prodotta mill-Prosekuzzjoni, jirriżulta ċar illi d-droga instabet fuq il-persuna tal-imputat u ġjaladarba d-difiża ddikjarat illi mhijiex qegħda tikkontesta li s-sustanza misjuba u li ġiet eżebita in atti, kienet fil-fatt id-droga kokajina, il-Qorti tqis li m'hemmx dubju li l-imputat kien fil-pussess tad-droga imsemmija, ossia d-droga kokajina. Lanqas ma hemm dubju li l-imputat kien fil-pussess tad-droga kokajina li nstabet ġewwa s-safe fir-residenza tiegħu.

Stabbilit dan, dak li l-Qorti jeħtieġ li tiddeċiedi dwaru huwa jekk jirriżultax ippruvat fil-grad rikjest mill-liġi li l-pussess tad-droga kokajina da parti tal-imputat ma kienx għall-użu esklussiv tiegħu. Kif gie ritenut mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet ***Il-Pulizija -vs- Brian Caruana*** deċiża fit-tlieta u għoxrin (23) ta' Mejju tas-sena elfejn u tnejn (2002):-

> *"..kull kaz hu differenti mill-iehor u jekk jirrizultawx ic-cirkostanzi li jwasslu lill-gudikant ghall-konvinzjoni li droga misjuba ma tkunx ghall-uzu eskluzziv tal-akkuzat fl-ahhar mill-ahhar hija wahda li jrid jaghmilha il-gudikant fuq il-fattispecji li jkollu quddiemu u ma jistax ikun hemm xi "hard and fast rule" x'inhuma dawn ic-cirkostanzi indikattivi. Kollox jiddependi mill-assjem tal-provi u mill-evalwazzjoni tal-fatti li jaghmel il-gudikant u jekk il-konkluzjoni li jkun wasal ghaliha il-gudikant tkun perfettament raggungibbli bl-uzu tal-logika u l-buon sens u bazata fuq il-fatti , ma jispettax lil din il-Qorti li tissostitwiha b'ohra anki jekk mhux necessarjament tkun l-unika konkluzjoni possibbli."*

Il-Qorti tqis li l-ammont ta' droga kokajina misjuba fil-pussess tal-imputat, li kien dak ta' tnejn punt tmienja sitta (2.86) grammi ta' kokajina, hekk kif kien barra mir-residenza tiegħu, ma huwiex ammont insinifikanti u lanqas ma huwa wieħed li normalment jiġi assoċjat ma' użu personali fl-istess lejl. Il-Qorti tqis ukoll li d-droga kokajina li nstabet fil-pussess tal-imputat kienet imqassma f'ħames ammonti iżgħar, li kienu mqassmin ammont f'*bullet* li nstab fil-but tal-qalziet tal-imputat u ammonti oħra mqassmin f'erba' *sachets*, li kienu moħbija ġewwa l-qalziet ta' taħt tal-imputat. Fir-rigward, il-Qorti tqis ukoll illi minkejja li jirriżulta mill-atti li l-imputat kien dipendenti fuq id-droga fiż-żmien tal-każ odjern, dan ma jservix ta' ġustifikazzjoni, imqar sal-grad tal-probabli, li l-ammont tad-droga misjuba fil-pussess tiegħu kienet intiża għalih.

Dak li jirriżulta għalhekk huwa li l-imputat fis-siegħat bikrin ta' filgħodu kien qiegħed jiġri barra mir-residenza tiegħu, f'post tad-divertiment, fil-pussess ta' tnejn punt tmienja sitta (2.86) grammi tad-droga kokajina li kienet mqassma f'ħames ammonti, li kienu evidentement lesti sabiex jiġu spaċċjati. Tqis ukoll li fir-residenza tal-imputat instabet ukoll borża li kienet tikkontjeni tlieta punt tmienja sebgħa tlieta (3.873) grammi kokajina, kif ukoll ammont ta' *self-sealable bags* illi kienu għadhom ġodda. Illi f'dawn iċ-ċirkostanzi l-Qorti tqis li l-pussess mhux għall-użu esklussiv tad-droga kokajina ġie pruvat lil hinn minn

kull dubju dettat mir-raġuni iżda dan b'referenza biss għall-ħamsa (5) ta' Frar tas-sena elfejn u sbatax (2017) u mhux ukoll għax-xhur ta' qabel din id-data.

**It-tielet (3) imputazzjoni**

Permezz tat-tielet imputazzjoni imbagħad, l-imputat qiegħed jiġi akkużat li fl-istess data, huwa kien fil-pussess tal-pjanta cannabis kollha jew biċċa minnha għall-użu esklussiv tiegħu, bi ksur tal-Artikolu 8(d) tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti rat l-eżebit u rat illi dan kjarament fih anqas minn seba' (7) grammi. Għaldaqstant fir-rigward ta' din l-imputazzjoni, din il-Qorti jeħtieġ li tqis l-emendi ntrodotti permezz tal-Att LXVI tas-sena elfejn u wieħed u għoxrin (2021) li emenda diversi liġijiet fir- rigward ta' ċerti attivitajiet relatati mal-*cannabis*. Permezz tal-imsemmi Att ġie ntrodott l-Artikolu 4A(1) tal-Kapitolu 537 tal-Liġijiet ta' Malta li jipprovdi li :-

> *"4A. (1) Minkejja d-dispożizzjonijiet ta' kull liġi oħra, il-pussess minn persuna ta' 'l fuq minn tmintax(18)-il sena tad-droga kannabis f'ammont ta' mhux iktar minn seba' grammi, f'ċirkostanzi li jwasslu li wieħed raġonevolment jemmen li tali pussess huwa għall-użu personali ta' tali persuna, ma għandux jikkostitwixxi reat,u l-persuna ma għandhiex tinżamm f'kustodja taħt arrest minbarra fejn hemm suspett raġonevoli ta' traffikar jew tmexxija ta' droga kannabis:"*

Illi dan ifisser illi llum il-ġurnata, persuna ta' 'l fuq minn tmintax-il sena, bħall-imputat odjerna, li jkun fil-pussess tad-droga *cannabis* f'ammont ta' mhux iktar minn seba' grammi għall-użu personali, ma hijiex soġġetta għall-proċeduri kriminali. Illi għalhekk għalkemm l-pussess tad-droga cannabis fl-ammont ta' anqas minn seba' (7) grammi għall-użu personali tal-imputat kien jikostitwixxi reat meta seħħ, u cioe' fil-ħamsa (5) ta' Frar tas-sena elfejn u sbatax (2017), dan m'għadux jiġi kkunsidrat bħala reat illum il-ġurnata.

Illi fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Infrerjuri) ta' nhar is-sebgħa u għoxrin (27) ta' Frar tas-sena elfejn u dsatax (2019), fl-ismijiet **Il-Pulizija -vs- Juanita Fenech**, ġie ritenut:

> *"Illi minn żmien l-għoti tas-sentenza appellata, gie promulgat l-Att XI tas-sena 2018, permeżż ta' liema ligi gdida dwar il-Midja u il-Malfama, l-artikolu 252 tal-Kodiċi Kriminali li jikkostitwixxi l-bażi*

*legali tal-akkuża miġjuba kontra l-appellanti ġie abrogat. Illi allura ghalkemm l-att vjolatur kien jikkostitwixxi reat meta sehh, dan madanakollu ma ghadux jigi hekk ikkunsidrat illum il-gurnata.*

*Illi in linja mad-decizjonijiet moghtija mill-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem ibbazati fuq l-artikolu 7 tal-Kovenzjoni Ewropeja dwar il-Drittijiet tal-Bniedem, ilQorti hija tal-fehma illi illum ebda piena ma ghandha tigi imposta fuq l-appellanti u l-Qorti bilfors trid tastjeni milli tiehu konjizzjoni ta' dina l-akkuza:*

***"The Court notes that the obligation to apply, from among several criminal laws, the one whose provisions are the most favourable to the accused is a clarification of the rules on the succession of criminal laws, which is in accord with another essential element of Article 7, namely the foreseeability of penalties …. The Court …. affirms that Article 7 § 1 of the Convention guarantees not only the principle of non-retrospectiveness of more stringent criminal laws but also, and implicitly, the principle of retrospectiveness of the more lenient criminal law. That principle is embodied in the rule that where there are differences between the criminal law in force at the time of the commission of the offence and subsequent criminal laws enacted*** **before a final judgment is rendered, the courts must apply the law whose provisions are most favourable to the defendant."**

*Din il-posizzjoni ġiet riaffermata permezz tas-sentenza tal-Qorti Ewropeja fl-ismijiet Öcalan v. Turkey deciza fit-18 ta' Marzu, 2014.*

*Illi l-Professur Sir Anthony Mamo jidher li kien tal-fehma ukoll li f'sitwazzjonijiet bħal dawn il-proċeduri jew l-effett provenjenti minnhom permezz tas-sentenza li tkun ingħatat, għandhom jieqfu.*

*"In fact, in the hypothesis under discussion, though the liability was contracted while the former law was still in force, the prosecution and sentence would be carried on and pronounced after such law has been repealed. So that, if such law were to be applied to such prosecution and sentence, it would be given an effect beyond its legal limit of operation. It is thus not by way of an equitable retrospective application of the new law but rather on the grounds that the operation of the old law cannot extend beyond its repeal*

*(divieto di ultra-attivita') that, in this hypothesis, the criminal proceedings cannot be maintained in respect of the act which, at the time of the trial, has ceased to constitute a criminal offence.*

*B'hekk illum għalkemm il-prosekuzzjoni tar-reat abrogat fil-mori tal-proċeduri jista' jitkompla u dan fid-dawl ta' dak li jipprovdi l-Att dwar l-Interpretazzjoni, madanakollu l-istess qiegħed jitqies illi huwa leżiv tal-artikolu 7 tal-Konvenzjoni Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem. Għal dawn il-motivi il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tirrevoka is-sentenza appellata u billi r-reat li dwaru l-appellanti giet akkuzata illum gie abrogat, tastjeni milli tiehu iktar konjizzjoni tal-akkuza migjuba kontra taghha.*

Illi għalhekk in vista ta' dawn iċ-ċirkostanzi, il-Qorti ser tastjeni milli tieħu iktar konjizzjoni tat-tielet (3) imputazzjoni miġjuba kontra l-imputat.

**Kunsiderazzjonijiet dwar piena**

Illi fir-rigward tal-piena li għandha tiġi nflitta fil-konfront tal-imputat, din il-Qorti ħadet in konsiderazzjoni diversi fatturi, fosthom il-fedina penali aġġornata tal-imputat, in-natura tal-imputazzjoni li tagħha qiegħed jinstab ħati, l-ammont ta' droga misjuba u ċ-ċirkostanzi kollha tal-każ.

Tqis ukoll li din il-Qorti assumiet il-funzjoni ta' Qorti dwar id-Droga u li l-imputat kien ġie riferut quddiem il-Bord ta' Rijabilitazzjoni ta' Persuni li Nqabdu bid-Droga, kif ukoll il-fatt li l-Bord kien sodisfatt bil-proċess ta' rijabilitazzjoni tal-imputat u għalaq il-każ tiegħu b'suċċess.

Tqis ukoll li mill-provi mressqa fl-atti proċesswali jirrizulta, tal-inqas fuq bilanċ ta' probabiltajiet, li r-reat ta' pussess aggravat ta' droga kokajina, li dwaru qiegħed jinsab ħati l-imputat, kien prinċipalment attribwibbli għad-dipendenza tiegħu fuq id-droga. Għalhekk tenut kont li din il-Qorti hija sodisfatta li jirriżulta l-kriterju msemmi fl-Artikolu 8(7) tal-Kapitolu 537 tal-Liġijiet ta' Malta, qegħda ai termini tal-istess sub-artikolu, tieqaf milli tapplika t-terminu minimu mandatorju ta' priġunerija jew l-esklużjoni tal-applikazzjoni tal-ordni ta' probation jew tas-sospensjoni ta' terminu ta' priġunerija, li huma altrimenti applikabbli għar-reat ta' pussess aggravat tad-droga li tiegħu qiegħed jinstab ħati l-imputat.

**Decide**

Għaldaqstant, għal dawn il-motivi, dina l-Qorti, wara li rat it-Taqsima IV u VI, l-Artikoli 8(d), 22(1)(a)(1B) u 22(2)(b)(i)(ii) tal-Ordinanza Dwar il-Mediċini Perikolużi, Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta, ir-Regolamenti erbgħa (4) u disgħa (9) tar-Regoli għall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikolużi, Legislazzjoni Sussidjarja 101.02, l-Artikoli 4A u 8 tal-Att dwar Dipendenza fuq id-Droga (Trattament Mhux Priġunerija), Kapitolu 537 tal-Liġijiet ta' Malta, u l-Artikoli 17 u 533 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, qegħda ssib lill-imputat **Kyle Manicolo** mhux ħati tal-ewwel (1) imputazzjoni miġjuba fil-konfront tiegħu u qegħda tilliberah minnha, u billi r-reat li dwaru l-imputat ġie akkużat fit-tielet (3) imputazzjoni illum ġie abrogat, tastjeni milli tieħu iktar konjizzjoni tat-tielet (3) imputazzjoni, filwaqt li qegħda ssibu ħati tat-tieni (2) imputazzjoni miġjuba fil-konfront tiegħu (u dan b'referenza biss għall-ħamsa (5) ta' Frar tas-sena elfejn u sbatax (2017) u mhux ukoll għax-xhur ta' qabel din id-data) u qegħda tikkundannah għall-piena ta' ħmistax-il xahar priġunerija, li bl-applikazzjoni tal-Artikou 28A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, qegħda tiġi sospiża għal żmien tliet (3) snin mill-llum, kif ukoll multa ta' elf u mitejn ewro (€ 1200).

Illi b'applikazzjoni tal-Artikolu 14(2) tal-Kodiċi Kriminali il-multa tista' titħallas b'rati mensili u konsekuttivi ta' mitt ewro (€100). F'kaz li l-ħlas ikun ser isir b'rati mensili, il-multa hawn imposta għandha titħallas fi żmien tlettax(13)-il xahar u l-ewwel pagament għandu jsir fi żmien xahar mill-llum, b'dana li jekk il-ħati jonqos milli jħallas pagament wieħed, l-ammont sħiħ jew kwalunkwe bilanċ rimanenti jiġi dovut minnufih u jekk dan ma jitħallasx jiġi konvertit fi priġunerija skond il-liġi.

Il-Qorti spjegat lill-ħati bi kliem ċari u sempliċi, il-konsegwenzi skont il-liġi kemm-il darba huwa jikkommetti reat ieħor punibbli bi priġunerija waqt il-perjodu operattiv ta' din is-sentenza.

Ai termini ta' l-Artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti qegħda tikkundanna lill-ħati iħallas is-somma ta' ħames mija u erbatax-il ewro u tlett ċenteżmi tal-ewro (€514.03) rappreżentanti l-ispejjeż in konnessjoni mal-ħatra tal-espert Dr. Roberta Holland f'dawn il-proċeduri, fi żmien sitt (6) xhur mill-llum.

Il-Qorti tordna wkoll illi dan ir-reat m'għandux jittieħed in konsiderazzjoni għall-finijiet tal-ħruġ ta' ċertifikat tal-kondotta skont l-Ordinanza dwar iċ-Ċertifikati

tal-Kondotta u dan fid-dawl tad-dettami tas-subartikolu (8) għall-Artikolu 8 tal-Att dwar Dipendenza fuq id-Droga, Kapitolu 537 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti qegħda f'dan l-istadju tordna d-distruzzjoni tas-sustanzi esebiti hekk kif din is-sentenza tgħaddi in ġudikat u dan taħt il-ħarsien tar-Reġistratur li għandu jirrediġi proċess verbal li jiddokumenta l-proċedura tad-distruzzjoni, liema dokument għandu jiġi nserit fl-atti ta' din il-kawża mhux aktar tard minn ħmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

Maġistrat Dr. Giannella Camilleri Busuttil

Deputat Reġistratur Michela Attard Deguara